V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.10180 — BH Holding/TEDi)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 78/06)

1. Fl-1 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— B.H. Holding GmbH ("BH Holding", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Benjamin Heinig.

— TEDi GmbH & Co. KG ("TEDi", il-Ġermanja), bħalissa kkontrollata bi sħab minn BH Holding u Tengelmann Warenhandelsgesellschaft KG (il-Ġermanja, "Tengelmann").

BH takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll ta' TEDi kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BH Holding iżżomm u tiġġestixxi investimenti f'diversi kumpaniji. Benjamin Heinig, persuna fiżika u l-uniku azzjonist ta' B.H. Holding, hija proprjetarja indiretta 100 % tal-ishma f'Woolworth GmbH, katina ta' ħwienet b'aktar minn 400 ħanut fil-Ġermanja u hija attiva fis-settur tal-ħwienet mhux tal-ikel.

— TEDi hija attiva fis-settur tal-ħwienet mhux tal-ikel f'postijiet fiċ-Ċekja, il-Ġermanja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, u s-Slovakkja. Il-portafoll tal-prodott offrut mit-TEDi jinkludi oġġetti ta' kuljum u oġġetti konsumabbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10180 — BH Holding/TEDi

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË